MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tas-16 ta' Lulju, 2015

Numru. 1016/2008

**Il-Pulizija**

**(Spettur James Grech)**

**vs.**

**Marco Micallef**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Marco Micallef detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 616464M

Akkuzat talli:

1. Nhar it-23 t’Awwissu 2008 ghal-habta tal-04:45 hrs, gewwa l-Belt Valletta, bil-hsieb li jikseb ghalih innifsu jew ghal haddiehor il-hlas ta’ flus ta’ sigurta’ kontra r-riskji, jew xi qliegh iehor mhux misthoqq, iddistrugga, xerred l’hawn u l’hemm jew gharraq b’xi mezz, hwejjeg tieghu u cioe’ vettura bin-numru ta’ registrazzjoni AAA094 ta’ l-ghamla Peugeot 306 ta’ kulur iswed,
2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, rema, tefa’, halla jew xort’ohra qattar jew iddepozita oggett, materjal jew sustanza ohra f’post pubbliku li jikkawza jew izid id-dehra mhawwda ta’ dak il-post jew li kkawza effett b’mod li gabet dannu ghall-uzu xieraq tal-post, jew li tista’ b’mod generali, zzid ir-riskju ta’ periklu ghas-sahha jew ghall-ambjent ghall-pubbliku jew ghall-ambjent ta’ madwar, jew li tista’ tkun haga li ddejjaq lill-pubbliku, f’xi post pubbliku, triq, bahar jew spazzju fil-miftuh u cioe’ gewwa l-Fossa ta’ Belt Valletta, centru Storiku ddikjarat mill-Awtorita’ kif ukoll fil-vicinanza mmedjata ta’ jew fuq xatt pubbliku kif elenkat f’Artiklu 12(2)(d) ta’ A.L.344 ta’ l-2005, li ghalih il-pubbliku ghandu access liema depozitu u t-thollija ma kienux awtorizzati b’ligi;
3. U aktat talli fl-istess data, ghal-habta ta’ l-04:00 hrs, gewwa Tirq il-Kbira San Guzepp, Hamrun saq jew ipprova jsuq jew kellu l-kontroll ta’ motor-car bin-numru ta’ registrazzjoni AAA094 ta’ l-ghamla Peugeot meta ma kienx f’kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi,
4. U aktar talli fl-istess data, ghal-habta ta’ l-04:00 hrs, gewwa Triq il-Kbira San Guzepp, Hamrun, b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti, ghamel hsara jew hsarat, jew gharraq vettura bin-numru ta’ registrazzjoni HAB918 ta’ l-ghamla Peugeot ghad-detriment ta’ Sue Ellen Azzopardi detentrici tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 307582M, PJR001 ta’ l-ghamla Mitsubishi ghad-detriment ta’ Andrew Penza detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 141074M u BAA609 ta’ l-ghamla Kia ghad-detriment ta’ Carmelo Borg detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 488240M,
5. U aktar talli saq l-istess vettura bi traskuragni kbira jew b’mod perikoluz;

6. U aktar talli waqt li kien qed isuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni AAA094, kien involut f'incident tat-traffiku ma' vetturi HAB918, PJR001 u BAA609, naqas milli jieqaf fuq il-post u meta kien mehtieg naqas li jaghti partikularijiet tieghu u dettalji ohra tal-vettura li kien qed isuq kif mitlub bil-ligi u/jew naqas li jirraporta l-incident lil Pulizija jew Gwardjani Lokali,
7. U aktar talli renda ruhu recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati Malti liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mhassra.

F'kaz ta' htija, l-Qorti hija gentilment mitluba tirrevoka jew tissospendi kull tip ta' licenzja f'isem l-imputat ghal zmien li lilha jidhrilha xieraq ai termini ta' Artiklu 32 ta' Kapitlu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens mibghuta mill-Avukat Generali fit-22 t'Ottubru, 2008, sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti;

Rat li fis-seduta tat-28 ta' Marzu, 2014[1] – wara li z-zewg partijiet kienu ghalqu l-provi taghhom u l-kawza giet differita ghat-trattazzjoni - l-imputat Marco Micallef irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bil-konsegwenzi ta' din l-ammissjoni tieghu u partikolarment li l-imputazzjonijiet iwasslu ghal piena massima ta' erba' snin prigunerija, xahar detenzjoni, multa ta' 5998.14 Ewro u revoka jew sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan u tat zmien sufficjenti lill-imputat sabiex jikkonsulta mal-konsulent legali tieghu biex jara jekk iridx jirrevedi l-posizzjoni tieghu. L-imputat wara li kkonsulta mal-konsulent legali tieghu rega' kkonferma l-ammissjoni tieghu

Semghet it-trattazzjoni orali dwar il-piena tal-partijiet.

[1] Ara fol. 128 tal-process.

Fl-istess seduta sar is-segwenti verbal *"Il-PL Mario Mifsud Bonnici ghall-imputat jiddikjara li jaqbel mal-ammonti ta' danni li sofrew il-vittmi kif spjegati mill-Ufficjal Prosekutur waqt it-trattazzjoni tieghu u cioe li Paul Azzopardi ghandu jiehu 1289 Euro u Carmelo Borg ghandu jiehu 750 Euro."*

Il-kawza giet differita ghas-sentenza.

Rat ir-rikors tal-imputat tal-24 ta' Gunju 2014, li fih talab lil din il-Qorti tissospendi il-prolazzjoni tas-sentenza sabiex il-Psikjatra Dr. Joseph F. Spiteri jixhed rigward l-ahhar zviluppi fil-kundizzjoni medika tal-istess imputat.

Fis-seduta tat-3 ta' Lulju 2014, il-Qorti semghet ix-xhieda tal-Psikjatra Dr. Joseph Spiteri.

Fl-istess seduta, din il-Qorti, wara li semghet ix-xhieda tal-Psikjatra Joseph Spiteri ordnat li jsir pre-sentencing report fuq l-imputat u l-Probation Officer inkarigat/a ghandha espressament tikkunsidra jekk l-imputat huwiex idoneju li jghamel servizz fil-kommunita.

Rat semghet ix-xhieda tal-Ufficjal tal-Probation Svetlana Bezzina u rat il-*pre-sentencing report taghha.*

Rat li fis-seduta tal-4 ta' Marzu 2015, sar is-segwenti verbal *"Kemm l-Ufficjal Prosekutur kif ukoll id-Difiza jaqblu mar-rakkomandazzjonijiet tal-Probation Officer Svetlana Bezzina li ghamlet fil-pre-sentencing report taghha.*

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta' l-imputat stess, il-Qorti issib lill-imputat hati ta' l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi rigward il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni il-pre-sentencing report tal-Ufficjal tal-Probation Svetlana Bezzina li ikkonkludiet hekk:

*"… … Harsa lejn il-Fedina Penali tal-imputat turi li bejn l-1981 u l-2011, Marco Micallef kien involut diversi drabi mal-Qrati tal-Gustizzja, primarjament b'relazzjoni ma' reati tat-traffiku, serq aggravat u pussess ta' sustanzi illeciti. Filwaqt li Micallef gie moghti diversi sentenzi alternattivi ghal prigunerija, huwa fil-passat skonta zewg sentenza karcerarji.*

*Ghajr il-kaz odjern ma jirrizultax li l-imputat ghandu kazijiet pendenti quddiemil-Qrati tal-Gustizzja Kriminali. Fir-rigward tal-vittmi f'dan il-kaz jirrizulta li s-Sur Paul Azzopardi u s-Sur Carmelo Borg ghadhom isofru danni finanzjarji li rrizultaw mill-istess reat u li l-imputat jirrikkonoxxi l-hsara kkawzata.*

*… … Fil-prezent l-ikkoncernat jghix gewwa r-residenza tal-genituri tieghu, fejn l-omm, minkejja l-limitazzjonijiet taghha tidher li tipprovdi element ta' supervizjoni.*

*Fir-rigward tax-xoghol jirrizulta li Marco Micallef ilu mill-1998 ma jkun ingaggat f'impjieg u li huwa jibbenifika minn ghajnuna socjali li tinghata lil persuni li ma jkunux fi stat li jistghu jahdmu. Infatti, kif innutat mill-Ufficjal tal-Probation, mill-psikjatra Dr Joseph Spiteri u minn omm l-imputat, jidher li l-istat fiziku ta' Marco jaghmilha ferm difficli sabiex dan iwettaq xoghol. Dan huwa marbut mal-kundizzjonijiet medici u psikjatrici tal-imputat. Infatti mill-informazzjoni migbura minn Dr Joseph Spiteri jirrizulta li Marco Micallef ibati mill-kundizzjoni tad-diabete kif ukoll minn Schizoaffective Disorder li timmanifesta ruhha f'paranoja. Minkejja dan, jirrizulta li l-kundizzjoni mentali tal-imputat fil-prezent hija wahda stabbli fid-dawl tal-medikazzjoni li jinghata. Huwa infatti jzomm ma' pjan ta' kura mfassal mill-psikjatra imsemmi u fost l-ohrajn jattendi ghal ward rounds u jiehu medikazzjoni taht forma ta' injection gewwa l-Isptar Monte Karmeli. Dr Spiteri jirraporta wkoll storja ta' uzu ta' droga u alcohol mill-imputat, liema uzua huwa jistqarr li twaqqaf.*

*B'konsistenza ma' dan, testijiet tal-urina li ttiehdu gewwa l-Ufficcju tad-Dipartiment tal-Probation u l-Parole minn Ottubru tal-2013 jindikaw li l-imputat waqqaf l-uzu ta' sustanzi illeciti li jidher li*

*kkaratterizzaw hajtu minn eta zghira. Prezentement Micallef qed jigi segwit fuq Ordni tal-Probation moghtija lilu fit-2 ta' Ottubru 2013 ghal perjodu ta' tlett snin. Tul l-istess perjodu Marco Micallef kien konformi mal-kundizzjonijiet tal-Ordni tal-Probation, liema Ordni tidher li qed isservi ta' deterrent ghalih."*

L-Ufficjal tal-Probation ghamlet is-segwenti rakomandazzjonijiet rigward il-piena:

*"Fid-dawl ta' din l-informazzjoni qieghed jigi umilment issuggerit lil din l-Onorabbli Qorti li Marco Micallef jitqieghed taht Ordni ta' Probation fil-massimu taghha. Dan sabiex il-progress muri mill-imputat ikun jista' jigi kkonsolidat taht supervizjoni necessarja. Fil-waqt li fid-dawl tal-kundizzjonijiet medici tal-imputat jidher li Marco Micallef mhuwiex idoneu sabiex iwettaq xoghol fil-kommunita, qieghed jigi rikommandat li bhala parti mill-kundizzjonijiet tal-Ordni tal-Probation l-imputat jintalab ihallas il-vittmi sabiex l-element ta' riparazzjoni xorta wahda jinghata attenzjoni xierqa. Barra minn hekk, sabiex jigi zgurat li Marco Micallef ikompli jikkonforma mal-pjan ta' kura psikjatrika jigi umilment irrakkomandat li l-imputat jitqieghed taht Ordni ta' Trattament skont l-Artikolu 412D tal-Kodici Kriminali."*

Kif diga inghad kemm il-Prosekuzzjoni kif ukoll id-Difiza qablu ma' dawn ir-rakkomandazzjonijiet tal-Ufficjal tal-Probation.

Wara li qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, in partikolari x-xhieda tal-Psikjatra Dottor Joseph Spiteri, din il-Qorti ukoll taqbel mar-rakkomandazzjonijiet dwar il-piena tal-Ufficjal tal-Probation, pero din il-Qorti hija tal-opinjoni li ghandha tilqa' t-talba tal-Ufficjal Prosekutur fic-citazzjoni li din il-Qorti tirrevoka kull tip ta' licenzja f'isem l-imputat ai termini tal-Artikolu 32 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

In oltre, fl-opinjoni tal-Qorti il-hlas li l-imputat ghandu jaghmel lil sid il-vettura HAB918, ghad-danni li l-vettura soffriet ghandu jaghmilhom lil Sue Ellen Azzopardi li fuqha hija registrata l-vettura,[2] u mhux fuq missierha Paul Azzopardi, kif qablu l-partijiet fil-verbal fuq citat.

---

[2] Ara xhieda ta' Paul Azzopardi a fol. 66-67 tal-process.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 295, 328(d), 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Regolamenti 4, 10(3) u 12(2)(d) tal-Avviz Legali 344 tal-2005, l-Artikoli 15A u 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 u r-Regolament 67 tal-Ligi Sussidjarja L.S. 65.11 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u ghar-ragunijiet fuq esposti, b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti qed tqieghed lil hati taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlett snin mil-lum, bil-kundizzjonijiet stretti li qed jigu imposti fuqu skond l-Ordni ta' Probation hawn annessa, u li ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti wissiet lil hati bi kliem car jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' Probation jew jekk jonqas illi jsegwi xi wahda mill-kundizzjonijiet stipulati fl-Ordni tal-Probation, huwa jkun jista' jigi ikkundannat ghar-reat li ghalih giet maghmula din l-Ordni, u l-hati esprima r-rieda tieghu li jikkonforma mal-htigijiet ta' din l-Ordni.

In oltre, il-Qorti qieghda tqieghed lill-hati taht Ordni ta' Trattament, ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, taht il-kura tal-psikjatra Dottor Joseph Spiteri u dan ghal perjodu ta' tlett (3) snin. Dottor Joseph Spiteri ghandu ihejji pjan ta' kura ghall-hati, skont dak li fl-opinjoni tieghu huwa fl-ahjar interess ghall-bzjonnijiet tal-hati, inkluz, jekk ikun necessarju kura minn professjonijisti ohra, kura bħala pazjent mhux resident f'xi sptar jew aġenzija jew istituzzjoni oħra adatta u kura bħala residenti f'xi sptar jew aġenzija jew istituzzjoni oħra adatta. Il-Psikjatra Spiteri ghandu l-fakolta li jvarja dan il-pjan ta' kura minn zmien ghal zmien skond dak li fl-opinjoni tieghu hu fl-ahjar interessi ghall-bzonnijiet tal-hati. Il-hati huwa obbligat li jsegwi dan il-pjan ta' kura skrupolozament, u dan a spejjez tieghu.

Il-Qorti wissiet lil hati bi kliem car u semplici l-konsegwenzi jekk huwa jonqos li jottempera ruhu ma' din l-Ordni ta' Trattament.

Ai termini tal-Artikolu 24 tal-Kapitolu 466 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qieghda tordna lil hati ihallas lill-vittima Sue Ellen Azzopardi is-somma ta' elf mitejn u disa' u tmenin Euro (€1289.00) u lill-vittma Carmelo Borg seba' mija u hamsin Euro (€750.00) u dan bhala kumpens ghal hsara li kkagunalhom

fil-vetturi taghhom. Dawn l-ammonti jistghu jithallsu b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsa u sebghin Euro (€75.00) lil kull wiehed mill-vittmi, b'dan li l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mill-5 ta' Awwissu 2015, b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih.

Ai termini tal-Artikolu 32 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tirrevoka kull tip ta' licenzja f'isem il-hati ghal zmien hames (5) snin mill-lum.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza, inkluz l-Ordni ta' Probation u l-Ordni tat-Trattament annessi maghha u , tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole, lil Psikjatra Dottor Joseph Spiteri u lill-Awtorita ghat-Trasport f'Malta.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------